**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

ĠUDIKATUR
DR JOHN BONELLO, B.A., LL.M.(IMLI), LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 21 ta' April, 2017**

Kawza Numru: 7/2017JB

Numru: 13

**Agius Services Limited (C17560)**

***vs***

**Damon Hili (K.I.: 23402L)**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat nhar is-27 ta' Jannar 2017 fejn is-Socjeta Attrici talbet li l-Konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' elf, disa' mija u erbgha u ghoxrin euro u tliet centezmi (€1,924.03) u dan wara li ppremettiet li l-Konvenut, li kien impjegat maghha b'kuntratt ta' impjieg ghal zmien definit, abbanduna x-xoghol qabel ma ghalaq il-perjodu ta' impjieg kuntrattat bejn il-partijiet. Is-Socjeta Attrici ppremettiet ukoll li s-somma reklamata tirraprezenta nofs il-paga li ghaliha l-Konvenut kien ser ikun intitolat li kieku huwa wettaq il-kuntratt ta' impjieg ghall-bqija tal-perjodu kollu pattwit. Talbet ukoll l-ispejjez, inkluz dawk tal-ittra ufficcjali 77/2016 u l-imghax;

Ra li l-kawza giet appuntata ghas-smiegh ghas-seduta tal-24 ta' Frar 2017 (a fol 5);

Ra li l-Konvenut, debitament notifikata bl-atti (a fol 2ter), laqa' ghal din l-azzjoni billi nhar l-20 ta' Frar 2017 ipprezenta risposta (a fol 9) fejn eccepixxa dan li gej:

1. Illi t-talbiet tas-Socjeta Attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dan stante li l-Konvenut gie mkecci mix-xoghol minghajr raguni valida u mhux minnu li abbanduna x-xoghol;

2. Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, l-ammont reklamat mhux dovut;

3. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Sema' l-provi;

Ra l-atti u d-dokumenti kollha;

Sema' t-trattazzjoni tal-abbli difensuri tal-partijiet;

Ra li l-kawza giet posposta ghas-sentenza;

Ikkunsidra;

Illi l-vertenza odjerna tirrigwarda penali li qed jigu reklamati skond kuntratt ta' impjieg ghal zmien definit. Is-Socjeta Attrici qed tghid li l-Konvenut abbanduna x-xoghol meta qabad u ma dahalx ghax-xoghol minkejja li ma kellux *leave* awtorizzat; il-Konvenut jghid li hu kien talab il-*leave* qabel ma nhareg *memorandum* ta' *stop leave* u li kien qata' l-biljetti ghal gita u meta mar lura ghax-xoghol, il-principal laqghu fil-bieb u keccih mix-xoghol;

Ikkunsidra;

Illi mill-assjem tal-provi jirrizulta dan li gej:

(i) Il-Konvenut kien impjegat mas-Socjeta Attrici b'kuntratt ta' impjieg ghal zmien definit (a fol 15). Dan ikkonfermah sija Joseph Agius, *manager* mas-Socjeta Attrici fl-affidavit tieghu (a fol 55) kif ukoll il-Konvenut meta xehed (a fol 58). It-Tribunal fela bir-reqqa dan il-kuntratt u minnu jirrizulta pattwit bejn il-kontendenti klawsola wahda li tirrigwarda l-*leave* u cjoe klawsola 5.5 li tipprovdi: "*The Employee's entitlement to annual leave shall be of twenty four (24) days per annum (192 hours per annum), provided that where the Employee shall have been in employment for less than twelve (12) months during any calendar year, he/she shall be entitled to such part of the said vacation leave as is in proportion to the number of months in employment*". Il-kuntratt jistipola wkoll il-procedura ghat-terminazzjoni tal-impjieg fi klawsola 8.3 fejn hemm pattwit li terminazzjoni tista' ssir sommarjament "*in the event of material breach of this agreement.*" Hu wkoll pattwit fi klawsola 9.1 li ksur ta' *policies* tas-Socjeta Attrici "*shall be deemed to be a serious disciplinary offence.*" Klawsola 12 tipprovdi espressament li kwalsiasi avviz taht il-kuntratt ghandu jinghata bil-miktub u jintbaghat bil-posta registrata;

(ii) Jidher li fis-16 ta' Frar 2015 inharget cirkolari (a fol 19) mis-Socjeta Attrici lill-impjegati kollha li kienet tghid li ghas-sena 2015, kull impjegat kellu jirriserva bil-quddiem ghoxrin (20) gurnata *leave* biex b'hekk jibqaghlu erbat (4) ijiem. Jidher li skond l-istess cirkolari, ix-xahar kollu ta' Dicembru kif ukoll il-gimgha ta' qabel u l-gimgha ta' wara l-festa ta' Santa Marija, kienu immarkati bhala perjodu ta' *stop leave*, fi kliem is-Socjeta Attrici "*ghall-ragunijiet [sic] ovvji fiz-zieda tax-xoghol li nkunu qed naffaccjaw*". Ic-cirkolari kienet tghid ukoll "*Jekk ikun hemm xi impjegat li jkun qed jahseb sabiex jippjana xi safra jew vakanza, dan ghandu l-ewwel jikkomunika mal-Human Resources Department, jinfurmahom bix-xewqa tighu imbaghad meta jkollu l-go ahead, jibbukkja s-safar. Mhux se tigi tollerata l-prattika li l-ewwel jigi bbukkjat is-safar imbaghad jigi*

*ibbukkjat il-Vacation Leave. L-esigenzi tal-kumpannija jigu l-ewwel.*" Il-Konvenut ircieva din ic-cirkolari (a fol 21) u kif ikkonferma meta xehed (a fol 58);

(iii) Jidher li ghas-sena ta' wara inharget cirkolari ohra fejn fil-waqt li nzamm il-perjodu ta' *stop leave* ghax-xahar ta' Dicembru, dak tas-Sajf gie estiz minn hmostax-il jum ghal tliet xhur u cjoe mill-15 ta' Gunju sas-16 ta' Settembru u matul dan il-perjodu, l-impjegati inghataw il-possibilita li jiehdu gurnata wahda *leave* u din il-gurnata kellha tkun abbinata ma' festa titulari ta' xi belt jew rahal f'Ghawdex. Ic-cirkolari zzid tghid li "*Il-kumpannija tirriserva d-dritt li f'kazijiet estremi tawtorizza leave waqt il-granet immarkati bhala stop leave.*" Issa dwar din ic-cirkolari hawn daqsxejn ta' kontestazzjoni peress li l-verzjoni prezentata mis-Socjeta Attrici (a fol 22) ggib id-data tas-27 ta' Dicembru 2015 fil-waqt li l-verzjoni prezentata mill-Konvenut (prezentata fis-seduta tal-lum) ggib id-data tat-2 ta' Jannar 2016;

(iv) Jidher li fl-10 ta' Dicembru 2015, kien hemm skambju ta' messaggi bejn il-Konvenut u s-Socjeta Attrici fejn dan talab *leave* biex isiefer bejn l-1 u t-8 ta' Lulju 2016. Jidher li Joseph Agius, *manager* mas-Socjeta Attrici cahad din it-talba b'messagg li baghat lill-Konvenut li jaqra' hekk: "*Damian, ghadni kemm gejt infurmat minn Joseph Vella bit-talba tieghek sabiex tibbukja il-leave bejn l'1 u it-8 ta Lulju tat-2016 ghas-safar. Naghmillek referenza ghal-memo B-0006 li iffirmjajt ghalih int nhar is-27 ta' Frar 2015 fejn huwa kkwotat car illi int kellek obbligu l-ewwel li tinforma il-human resources bix-xewqa tieghek, imbaghad jekk ikollok il-go ahead minghand il-kumpannija tkun tista tippjana is-safar, inti ghazilt li tinjora din il-policy u ghaldaqstant b'dan qed ninfurmak illi t-talba tieghek qed tigi michuda" (sic);*

(v) Jidher li madankollu l-Konvenut akkwista l-biljetti tal-ajru fl-ahhar tas-sena 2015 (Dok. DH2) biex itir lejn Kopenhagen fl-1 ta' Lulju 2016 u jirritorna gimgha wara;

(vi) Jidher li fil-11 ta' Mejju 2016, il-Konvenut rega' applika ghal-*leave* (a fol 29) izda din it-talba giet rifjutata wkoll b'ittra tal-4 ta' Gunju 2016 (a fol 28). Ir-raguni ghar-rifjut hi li din it-talba "*ma tistax tigi kunsidrata minhabba struzzjonijiet cari mnizzla fil-MEMO B/0017 mahruga fit-23 ta' Dicembru 2015. Il-granet li inti tlabt sabiex tiehu vacation leave, jidhru immarkati bl-isfar fuq l-istess MEMO u allura strettament stop leave. Dan huwa perjodu fl-aqwa tax-xoghol tas-sajf*";

(vii) Jirrizulta li l-Konvenut ma dahalx ghax-xoghol fil-gimgha li ghaliha kien talab il-*leave*;

(viii) Fl-Affidavit ta' Joseph Agius (a fol 55) jinghad li rinfaccjata b'dan, il-kumpannija baghtet ittra lill-Konvenut fejn avzatu li qed tinterpreta l-fatt li ma rrapurtax ghax-xoghol bhala abbandun. Il-Konvenut min-naha tieghu (a fol 58) jghid li hu mar ghax-xoghol hekk kif gie lura mis-safar u jichad li rcieva ittri izda meta mar ghax-xoghol sab lil Joseph Agius jistennieh u baghtu 'l barra. Dan ikkonfermah ukoll Mario Casha li hu *security guard* mas-Socjeta Attrici meta xehed fis-seduta tal-lum u li kien imqabbad sabiex ikun prezenti meta l-principal ikellem lill-Konvenut;

(ix) Gew prezentati wkoll zewg ittri (a fol 43 u 44) li ntbaghtu lill-Konvenut mis-Socjeta Attrici kif ukoll ircevuta ghas-saldu da parti tal-Konvenut (a fol 45) fejn dan accetta l-ahhar paga u ddikjara li dan mghandux aktar pretensjonijiet kontra s-Socjeta Attrici.

Ikkunsidra;

Illi jibda' biex jinghad li l-ligi in materja u cjoe l-Art. 36 tal-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali (Kap. 452) jipprovdi kif gej:

> (11) Prinċipal li jibgħat 'l barra impjegat qabel ma jagħlaq iż-żmien speċifikat f'kuntratt ta' servizz, ikollu jħallas lill-impjegat nofs il-paga kollha li kienet tkun tmiss lill-impjegat dwar il-bqija taż-żmien espressament miftiehem.
>
> (12) Impjegat li jitlaq mis-servizz tal-prinċipal tiegħu qabel iż-żmien speċifikat fil-kuntratt ta' servizz għandu jħallas lill-prinċipal tiegħu somma li tkun daqs nofs il-paga kollha li għaliha huwa kien ikollu jedd kieku huwa baqa' fis-servizz għall-bqija taż-żmien hekk espressament miftiehem:
>
> Iżda f'dan is-subartikolu u fis-subartikoli (8), (9), (10) u (11), ir-riferenzi għal "paga kollha" u "paga" għandhom ifissru l-paga li titħallas lil persuna impjegata minn jew f'isem il-prinċipal, esklużi kull rimunerazzjoni għal sahra, kull forma ta' bonus, kull allowance, u rimunerazzjoni mod ieħor milli bi flus u kummissjonijiet.

Illi l-ligi ma tantx tidhol f'dettal dwar l-import ta' dawn iz-zewg dispozizzjonijiet, liema dispozizzjonijiet huma mislufa mil-ligi l-antika tax-xoghol, illum abrogata, l-Att dwar il-Kondizzjonijiet ta' l-Impjieg (Kap. 135). Il-Qorti tal-Appell, fis-sentenza tad-9 ta' Mejju 1997, fl-ismijiet: "William Saliba *vs* Avukat Dottor Louis Cassar Pullicino noe" irriteniet illi "*l-ligi la tidentifika cirkostanzi u lanqas tiddetermina kriterji dwar meta jkun gustifikat li wiehed jikkonkludi li din it-terminazzjoni hesrem ta' l-impjieg ikun avvera ruhu. Il-ligi allura thalli spazju ghall-interpretazzjoni imma ghandu jkun car illi t-terminu 'jibghat 'il barra' hu wiehed li jimporta finalita` fis-sens li d-decizjoni tas-sid kellha tkun wahda permanenti u rrevokabbli.*"

Il-Qorti tal-Appell (Gurisdizzjoni Inferjuri) dahlet fil-kuncett ta' tkeccija ingusta f'sentenza ricenti li nghatat fit-12 ta' Diċembru 2016 fl-ismijiet "Nathania Mifsud *vs* Sterling Jewellers li b'digriet datat 30 ta' Jannar 2014 gie sostitwit bl-isem Sterling Holdings Company Limited [C 7140]" fejn fuq l-iskorta ta' gurisprudenza aktar antika, irriteniet kif gej:

> Il-Qrati taghna ppronunzjat ruhha diversi drabi dwar din il-materja. Fil-kaz Daniel D'Amato vs Oil Tanking Malta Ltd intqal li: "*L-impjieg li huwa l-ghajn tal-ghejxien ghal haddiem u il-familja tieghu huwa sagru u ghalhekk tkeccija ma tistax tinghata bhala kastig jekk ma tkunx konsegwenza ta' xi offiza gravi tant illi meta wiehed jizen n-nuqqas tieghu mal-hsara li jista' isofri il-principal ghal tali nuqqas, dan ixaqleb favur il-principal. Huwa biss f'din iccirkostanza illi t-tkeccija tkun gustifikata…*"
>
> Fil-kaz Arthur Walker *vs* Foster Clarks Products Limited deciz fit-30 t'April 200817 gie ritenut li: "Opportunament, irid jigi registrat illi l-kuncett ta' kawza gusta u valida ghat-tmiem tar-rapport ta' impjieg hu ravvizat f'dawk il-fatti u mgibiet tali li jinducu

ghat-telf ta' fiducja, anke ghaliex dan hu komunement intiz bhala l-presuppost essenzjali ta' dan ir-rapport. Dan dejjem b'riferiment ghall-aspetti konkreti tan-natura tar-rapport, il-posizzjoni ta' l-impjegat fl-azjenda, l-intensita' ta' l-allegata kondotta kolpuza u ta' kwalsiasi aspett iehor korrelatat mar-rapport."

Imbaghad fil-kaz Charlot Scerri vs ST Microelectronics (Malta) Limited deciz fl-1 ta' Marzu 2006 intqal li "B'mod generali jidher li f'materja ta' tkeccija mill-impjieg iridu jitharsu dawn il-principji rakkolti mid-duttrina Ingliza u dik kontinentali fuq is-suggett:- (1) L-addebitu tan-nuqqas jew ta' l-imgieba hazina jrid ikun specifiku, jigifieri ghandu jkun formulat b'mod car ta' l-aspetti essenzjali u materjali tal-fatt denunzjat. Mhux accettat allura li l-addebitu jkun bazat fuq semplici suspetti vagi jew ridott ghall-alluzjonijiet generici; (2) Ir-reazzjoni mill-principal trid tkun ukoll wahda tempestiva. Jekk xejn, biex tikkonsentixxi lill-impjegat li jkollu difiza immedjata, u daqstant iehor effikaci, biex jilqa' ghall-akkuzi fil-konfront tieghu; (3) Il-kontestazzjoni minn min ihaddem tesigi, b'necessita`, li tkun immutabbli, jigifieri, li jkun hemm korrispondenza bejn il-fatt kontestat u dak migjub 'il quddiem bhala bazi ta' akkuza u ta' l-azzjoni dixxiplinarja dwaru; (4) Ta' importanza, imbaghad, huwa l-principju tal-proporzjonalita` bejn l-addebitu u s-sanzjoni li tigi komminata mill-principal. Dan fis-sens illi l-provvediment dixxiplinarju jrid ikun in relazzjoni mal-ghazla u l-mizura tas-sanzjoni u in rapport ghall-gravita tan-nuqqas; s'intendi, valutata fl-entita` taghha, soggettiva u oggettiva."

Ikkunsidra;

Illi t-Tribunal qies dawn il-principji fil-fond u wasal ghall-konkluzjoni li l-kaz odjern ma jistax jitqies bhala wiehed ta' terminazzjoni da parti tal-Konvenut impjegat li jaghti lok ghall-kundanna ghall-hlas tal-penali kommitati bl-Art. 36(12) tal-Kap. 452, imma ta' tkeccija b'decizjoni tas-Socjeta Attrici. Decizjoni li – fil-fehma tat-Tribunal – kienet affrettata u ma kienetx proporzjonata mal-agir tal-Konvenut, u dan ghas-segwenti ragunijiet:

(i) Illi l-kuntratt ta' impjieg (li qabel kull *policy*, cirkolari u dokument iehor, jirregola r-relazzjoni bejn il-kontendenti) ma jahsibx ghal *stop leave* u dan minkejja li bl-istagjonalita tan-negozju li jidher li s-Socjeta Attrici hija konxja taghha, din setghet facilment tahseb ghal klawsoli cari;

(ii) Illi l-istess kuntratt jahseb ghal tkeccija sommarja f'kaz ta' *material breach* tal-istess kuntratt u mhux ghal kwalsiasi raguni;

(iii) Illi meta l-Konvenut applika ghal-*leave*, ic-cirkolari viggenti ma kienetx tahseb ghal *stop leave* ta' tliet xhur fis-Sajf (inkluz fil-perjodu meta kien jehtieg il-*leave*) imma ta' hmistax-il jum madwar il-festa ta' Santa Marija;

(iv) Illi l-agir tad-dirigent tas-Socjeta Attrici meta qabad u cahad it-talba ghal *leave* ghaliex skond hu l-Konvenut kien ippjana s-safar qabel ma ottjena l-permess tad-dipartiment tal-*Human Resources* xejn ma kienet ragjonevoli;

(v) Illi lanqas ma hu ragjonevoli li peress li qed jigi allegat li matul ix-xhur tas-Sajf is-Socjeta Attrici jkollha aktar xoghol, l-impjegati ma jkollhomx il-fakulta li jiehdu *leave* hlief ghal gurnata wahda fl-okkazjoi tal-festa patronali – xi haga li

minnha nnifisha ghandha karattru diskriminatorju favur min ihobb il-festi u kontra min ghandu delizzji verjuri;

(vi) Illi l-istess *policy* li qed tigi citata in sostenn tad-decizjoni tas-Socjeta Attrici, kienet tahseb ghal possibilita li talba ghal *leave* tigi kunsidrata favorevolment minkejja l-perjodu ta' *stop leave*, kuntrarjament ghal dak li nghad fl-ittra ta' rifjut;

(vii) Illi kemm a bazi tal-kuntratt viggenti bejn il-kontendenti, kif ukoll kif stabbilit bil-gurisprudenza, il-passi li hadet is-Socjeta Attrici meta laqghet lill-Konvenut fil-bieb fil-prezenza ta' ufficcjal tas-sigurta u keccietu sommarjament, fic-cirkostanzi ma kienetx proporzjonata;

(viii) Illi l-kwistjoni ta' x'inhi r-raguni ghalfejn impjegat jitlob *leave* – jekk hux ghal safar jew ghal xi ghan iehor mhijiex rilevanti ghall-ghanijiet ta' min jimpjega;

(ix) Illi fuq kollox it-Tribunal iqis li l-*leave* huwa jedd tal-impjegat, liema jedd jikkostitwixxi parti mill-kunsiderazzjoni tal-impjieg u fil-waqt li huwa accettabbli li jkun hemm certi restrizzjonijiet ghal finijiet ta' ppjanar, mghandux ikun li l-impjegati jigu trattati daqs li kieku qed jonqsu meta jaghzlu li jipprevalixxu rwiehhom mil-*leave*;

Illi fic-cirkostanzi odjerni, it-Tribunal iqis li l-eccezzjonijiet tal-Konvenut jimmeritaw li jigu milqugha;

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi din il-kawza billi prevja li jilqa' jilqa' l-eccezzjonijiet tal-Konvenut, jichad it-talba attrici.  Spejjez a karigu tas-Socjeta Attrici.

Dr John Bonello
*Ġudikatur*

Diane Farrugia
*Deputat Reġistratur*